MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 1724/2010

**Repro House Company Limited**
**C-6638**

**vs**

**Inserv Limited**
**C-5229**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas fl-ammont ta' elfejn u tmintax-il ewro u sitta u disghin centezmu (€2,018.96c), bilanc ta' somma akbar dovuta lis-socjeta' attrici, rapprezentanti l-import tal-prezz ta' diversi merci debitament mibjugha lis-socjeta' konvenuta, u dana skond kif jirrizulta mill-anness prospett li qieghed immarkat bhala Dokument "A".

Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq l-import tal-fatturi elenkati fl-istess prospett

(Dokument “A”) mid-dati tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna u dawk tal-ittra legali tal-15 ta’ Dicembru, 2010, kontra s-socjeta’ konvenuta li qieghda minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici u/jew parti minnhom huma preskritti; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici ta’ elfejn u tmintax-il ewro u disghin centezmi (€2,108.96c) huwa eccessiv; Illi s-socjeta’ konvenuta qeghda tikkontesta numru ta’ bilanci rapprezentanti minn diversi invoices fil-prospett immarkat Dok. A u pprezentat mis-socjeta’ attrici stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jithallsu mis-socjeta’ attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu, 2011 li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta ddikjarat illi l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata minnha hija ai termini tal-Artikolu 2151 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici datata 13 ta’ Lulju 2011 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta’ disa’ mija disgha u ghoxrin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€929.73c).

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu, u in segwitu ghall-prezentata tan-nota ta’ riduzzjoni suriferita, is-socjeta’ konvenuta rtirat l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici xehed illi s-socjeta’ minnu rapprezentanza kienet tipprovdi servizzi ta’ konsulenza dwar printing, u anke xoghol ta’ printing lis-socjeta’ konvenuta ghal diversi snin; izda eventwalment

din ir-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet spiccat ghaliex inqalghu xi differenzi bejn il-partijiet dwar il-pagamenti li kienu dovuti lis-socjeta’ attrici. Illi l-ammont inizzjali reklamat minghand is-socjeta’ konvenuta meta giet proposta din il-kawza kien dak rizultanti mir-rendikont li jinsab a fol.2 tal-atti. Madanakollu, u wara li fil-mori tal-kawza gie mwettaq hlas akkont mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ disa’ mija u disghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€990.94c), l-ammont gie mnaqqas ghal dak rizultanti mir-rendikont a fol.19 tal-atti. Illi minn dan l-ammont tnaqqas ulterjorment l-ammont ta’ tmienja u disghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€98.29c), li huma l-bilanci li kienu ghadhom dovuti fuq fatturi numru 128841 u 130151, u ghalhekk, l-ammont li ghadu pendenti bejn il-partijiet, u li huwa l-mertu ta’ din il-kawza, jammonta ghal disa’ mija disgha u ghoxrin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€929.73c).

Illi in rigward dan l-ammont, u anke dak inizzjali, r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi kkomunika diversi drabi mad-direttur tas-socjeta’ konvenuta sabiex jitlob, u jinghata l-hlas dovut, izda dan tal-ahhar kien johrog b’diversi skuzi sabiex ma jwettaqx il-hlas, tant illi dan wassal sabiex ir-relazzjoni kummercjali ta’ bejniethom giet terminata. Qal ukoll illi s-socjeta’ konvenuta kienet frekwentement, u arbitrarjament, tnaqqas xi ammonti li kienu dovuti skond il-fatturi, u dan minflok li jitolbu l-hrug ta’ *credit note* a favur taghhom. Illi ghalhekk f’din il-kawza qed jintalab il-hlas, ukoll, ta’ dawn l-ammonti hekk mnaqqsa.

Illi l-*finance manager* impjegata fi hdan is-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-ammont pretiz in forza ta’ din l-azzjoni ghadu dovut, oltre illi pprezentat id-*delivery notes* relattivi ghall-konsenja ta’ merkanzija li kienet issir lis-socjeta’ konvenuta, oltre l-fattura relattiva ghal tali konsenja. Illi skond din l-istess xhud kien hemm skambju ta’ korrispondenza bejn is-socjetajiet kontendenti dwar il-bilanc dovut, izda ssostni illi l-ammont reklamat ghadu dovut.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta xehed illi l-procedura li kienet adoperat is-socjeta' konvenuta sabiex issir il-konsenja tal-merkanzija li tkun ordnat minghand is-socjeta' attrici, kienet fis-sens illi jintbaghat *delivery man* tas-socjeta' konvenuta ghand is-socjeta' attrici, fejn jigbor il-merkanzija, jiffirma d-*delivery note* relattiva, imbaghad xi ftit taz-zmien wara tinhareg il-fattura relattiva. Eventwalment is-socjeta' konvenuta twettaq hlas wiehed relattiv ghal diversi fatturi, u dan kif jidher u jirrizulta mir-*remittance advice* li jintbaghat mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici flimkien mal-hlas.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara li l-kontestazzjoni tieghu ghall-ammonti mitluba f'din il-kawza huwa in bazi ghal diversi ragunijiet, fosthom, (i) illi tkun inharget fattura ghall-oggetti li ma jkunux gew ikkonsenjati, (ii) illi sar *double charging* ghall-istess oggett, (iii) illi gie mwettaq hlas li ma jirrizultax mir-rendikont li nhareg mis-socjeta' attrici, u li ghalhekk ma giex imnaqqas, oltre (iv) illi gie mwettaq xi zball fil-process ta' printing, u ghalhekk kien mehtieg li jsir re-printing, u ghalkemm dan l-izball kien imputabbli lis-socjeta' attrici, din reghhet talbet il-hlas mill-gdid ghal tali konsenja. Illi l-ilment tas-socjeta' konvenuta huwa wkoll dwar il-fatt illi meta s-socjeta' attrici intalbet tipprovdi kopja ta' *delivery note* ta' merkanzija li l-fattura ghaliha nharget fl-2005 u 2006, din id-*delivery note* giet ikkonsenjata madwar tliet (3) snin wara, u addirittura anke wara li giet proposta din l-azzjoni.

Illi dwar il-bilanc li qed jintalab il-hlas tieghu in forza ta' din l-azzjoni, is-socjeta' konvenuta pprezentat diversi dokumenti, inkluz varji *remittance advice*, li minnhom jirrizulta l-hlas ta' diversi fatturi, senjatament dawk bin-numru 133489 (a fol.97) u 138817 (a fol.101), kif ukoll illi s-socjeta' konvenuta giet *charged* doppjament ghall-istess oggett (a fol.104), u li gew ritornati xi oggetti, u li ghalhekk ghandu jitnaqqas il-valur taghhom (a fol.105).

Ikkunsidra,

Illi b'referenza ghar-rendikont li jinsab a fol.19 tal-atti, u li in bazi tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc dovut, jirrizulta mill-atti processwali illi s-socjeta' attrici m'hix qed titlob aktar il-hlas tal-ammonti rizultanti mill-fatturi bin-numru 128841 u 130151. Illi dwar il-fatturi bin-numru 133489 u 138817, irrizulta sodisfacentement illi dawn huma inkluzi fir-*remittance advices* li gew pprezentati mis-socjeta' konvenuta, u ladarba dawn ir-*remittance advice* ma gew bl-ebda mod kontradetti jew ikkontestati mis-socjeta' attrici, qed jigu meqjusa bhala konferma ta' hlas.

Illi dwar il-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta illi l-fatturi 136902 u 136903 huma doppji ghaliex jittrattaw dwar l-istess oggett, u ghalhekk m'humiex dovuti, jigi rilevat illi fir-rendikont a fol.19 hemm indikat biss il-fattura numru 136903, u peress illi mill-atti ma jirrizultax illi s-socjeta' konvenuta hallset il-fattura bin-numru 136902, allura tali asserzjoni ma gietx adegwatament ippruvata.

Illi dwar il-fattura 130317, is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi din mhux dovuta ghaliex kien sar xoghol hazin mis-socjeta' attrici, li kellu jsir mill-gdid, u s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ghalih. Illi fil-fehma tat-Tribunal, kien jispetta lis-socjeta' konvenuta li, *per lo meno*, tindika liema kienet il-fattura l-ohra li nharget mis-socjeta' attrici ghax-xoghol li sar mill-gdid, u cioe' jekk hux din il-fattura jew xi ohra f'valur identiku, u imbaghad tipprova li wettqet il-hlas ta' wahda minn dawn iz-zewg fatturi. Illi fin-nuqqas ta' tali prova, u ladarba s-socjeta' konvenuta naqset milli tissostanzja l-allegazzjoni mressqa minnha, din ma tistax tigi akkolta.

Illi dwar il-fattura bin-numru 132273, li hija wkoll kkontesta mis-socjeta' konvenuta, ma nghatat ebda informazzjoni mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ghalfejn dan l-ammont m'huwiex dovut.

Illi dwar il-fattura bin-numru 133117 din giet ikkontestata mis-socjeta' konvenuta permezz ta' *e-mail* (a fol.92), fejn gie dikjarat illi din ma kellhiex tinhareg ghaliex kienu saru xi *corrections*; dwar tali asserzjoni ma giet ipprezentata

ebda prova dokumentarja, u lanqas xi forma ta’ risposta ta’ accettazzjoni da parti tas-socjeta’ attrici, u ghalhekk tali kontestazzjoni m’hix gustifikata.

Illi dwar il-fattura bin-numru 142381, is-socjeta’ konvenuta qed tikkontesta l-ammont mitlub ghaliex tikkontendi illi gew ritornati xi oggetti;  illi in sostenn ta’ tali allegazjoni pprezentaw e-mail fejn qed jigi dikjarat illi tali oggetti gew ritornati, u li ghalhekk ghandha tinhareg *credit note*.  Illi mir-rendikont li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici (a fol.19), jirrizulta illi s-socjeta’ konvenuta ma hallsitx il-valur kollu tal-fattura, izda naqqset minn jeddha l-valur tal-oggetti li gew ritornati.  Illi ghalhekk tali rikjesta ghall-hrug ta’ *credit note* m’hix gustifikata.  Illi f’dan ir-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan l-ammont, fi kwalunkwe kaz, mhux dovut lis-socjeta’ attrici, ladarba hemm l-annotament iffirmat fuq id-*delivery note* a fol.105 tal-atti.

Illi fir-rigward tal-fattura bin-numru 142349, is-socjeta’ konvenuta tikkontendi illi gew ikkonsenjati xi oggetti differenti minn dawk ordnati, u fil-fatt ma hallsitx il-valur kollu tal-fattura, izda naqqset l-ammont ta’ tmenin ewro u disgha u sittin centezmu (€80.69c).  Illi f’dan ir-rigward ma gew ipprezentati ebda provi dokumentarji, salv ghall-fattura u *delivery note* li jinsabu a fol.40 u 41 tal-atti, li fuqhom m’hemm ebda annotament ta’ accettazzjoni mis-socjeta’ attrici dwar dak allegat mis-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk tali kontestazzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta m’hix sostanzjata u ma tirrizultax gustifikata.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-bilanc li s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tieghu, ghandu jithallas il-valur tas-segwenti fatturi, u cioe’ tal-fatturi bin-numru 136903, 130317, 132273, 133117, 142349 u 144802, li jammontaw kumplessivament ghal seba’ mija tnejn u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€782.48c).
Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, jordna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija tnejn u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€782.48c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------